MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 992/2005

**Vella Calcedonio (ID 802355M)**

**Vs**

**Grixti Emanuel (ID 880849M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Mejju 2005 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm455 (erba` mija hamsa u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti danni ikkawzati f'incident stradali li sehh nhar il-15 ta' Frar 2005 gewwa Ghajn Tuffieha.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas is-somma ta' erba` mija hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm455) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura propjeta` tal-attur meta fil-15 ta' Frar 2005 f'Ghajn Tuffieha il-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru

ta’ registrazzjoni IAM 534, habat fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAI 809 propjeta` tal-attur bil-konsegwenza illi l-attur garrab hsarat fil-vettura propjeta` tieghu, u dan previa dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment u tal-ittra interpellatorja datata 29 ta’ Marzu 2005, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

L-esponent jecepixxi illi:

1. Fl-ewwel lok l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-konvenut izda gara unikament htija ta’ Calcedonio Vella sewwieq tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAI 809 u ghalhekk ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur;
2. Sussidjarjament, fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess l-attur ghandhu jgib il-prova tad-danni skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-attur li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-attur u x-xhud tieghu  jallegaw li hargu mill-ground ta’ Ghajn Tuffieha kienet ix-xita, kien hemm it-tajn, sporga fit-triq, ried jevita hofra, skidja u baqa diehel gol bajtar. Il-konvenut jallega li l-attur hariglu f’daqqa u tah daqqa fuq wara.

Il-mument tal-habta meta kien? Meta l-attur gia kien fil-bajtar jew bid-daqqa mar fiha?

Illi t-Tribunal jaghti aktar affidabilita lil versjoni konvenuta billi hija aktar verosimili. Hija sanabbli aktar bil-hsarat kif riportati fil-vetturi, specjalment f'dik attrici quddiem u wara – xejn fil-genb! Anki li kieku t-Tribunal kellu jaccetta l-versjoni attrici, x'hemm skuntrabbli fil-komportament tal-konvenut li ghandu jigi penalizzat? Apparti li l-famuza hofra ma issemmiet xejn mill-konvenut, is-sewqan tal-attur kien ferm perikoluz. Il-mod kif hareg mill-ground ghal triq principali, xita, tajn zlieq, ra hofra fl-ahhar mument, sewqan inprudenti ghall-ahhar! F'dak il-mument dahal fil-konvenut. Fl-agunija tal-incident, ma setax jevitah billi kien l-istess attur li ikkreja l-emergenza. Lanqas ma jigi skuntrat xi konkluzjoni da parti tieghu.

Jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes ghall-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------